# LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

## It-Tlieta 4 ta' Diċembru, 2018

## RAPPORT AMMINISTRATTIV IMĦEJJI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV,

## GĦAL-PERJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2018

Din hija it-tielet sena tas-sebgħa leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, li bdiet f-Mejju 2015 taħt it-tmexxija, tas-Sindki Edwin Vassallo, Ivan Bartolo f'Diċembru 2016 u Keith Cassar f'Lulju 2017. Is-seba' leġislatura tintemm f'Ġunju 2019.

Is-Sebgħa leġislatura hija magħmula min:

Keith Cassar – Sindku

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Proġetti Kapitali
- Finanzi
- Ambjent / Indafa
- Jum il-Mosta
- Għaqdiet
- Festi
- Aġġudikazzjonijiet ta' Tenders

James Cassar – Viċi Sindku

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Attivitajiet
- PPP
- Aġġudikazzjonijiet ta' Tenders

Dr. Rachel Tua – Kunsilliera (Minority Leader)

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Mosta Solidali
- Affarijiet Legali

Gianluca Busuttil – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Ġemellaġġi
- Fondi Ewropej
- Proġetti Ewropej
- Żagħżagħ

Mario Sammut – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Persuni bi Bżonnijiet Speċjali
- Anzjani

Dr. Angele Rapa – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Mosta Solidali
- Edukazzjoni

Dr. Karl Tanti – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Turiżmu
- Trasport
- Toroq
- Kuntratti

Maria Pia Bonnici – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Patrimonju Mosti
- Żoni

Mark Micallef Costa – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Konsultazzjoni
- Aġġudikazzjonijiet ta' Tenders

Joe Gatt – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Patrimonju Mosti

Frans Deguara – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Mosta Solidali
- Kultura
- Pubblikazzjonijiet

<u>Christian Borg – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Sport

<u>Jesmond Gauci – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Mosta Solidali

## Xogħol Amministrattiv

Il-qasam amministrattiv dejjem iġib sfidi, fejn ix-xogħol dejjem jiżdied, u l-ħaddiema tal-Kunsill dejjem għaddejjin bla waqfien min ħaġa għal-oħra, biex jaqdu lir-residenti bl-aħjar mod possibbli.

Il-Kunsill qed jipprepara biex joħroġ sejħa għal-skrivani ġodda fejn dawn għad-iridu jiġu approvati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mil-Jobsplus.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, tingħata ħafna mportanza biex is-servizz jkun wieħed mil-aqwa, u bħalissa qed jiġi miktub Customer Service Charter bil-proċeduri tas-servizz, li ħa tkun disponibbli fuq is-sit tal-Kunsill għal benefiċċju tar-residenti. Però tajjeb li r-residenti jifhmu li l-Kunsill mhux dejjem huwa l-awtorità, u uħud mid-deċiżjonijiet trid tiġi mil-awtorità konċernata. Il-Kunsill jemmen li deċiżjonijiet li jridu jittieħdu mil-Kunsill, dawn jiġu evalwati biex fejn hu possibbli kull deċiżjoni tkun ta' benefiċċju għar-residenti.

Fost affarijiet oħra ta' xogħol amministrattiv, l-Kunsill jassisti wkoll lil Kunsilliera biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom billi kull Kunsillier jaħdem fuq id-dekasteru tiegħu/tagħha, biex kull proġett jiġi mwettaq.

Fost ħafna affarijiet, l-ħidma tal-Kunsill tinvolvi wkoll proċeduri ġodda, f'ċirkularitajiet, direttivi u regolamenti li ta' spiss nirċievu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## Ilmenti

Kull ilment li jidħol nieħdu azzjoni biex dejjem nimmeljoraw u fejn nistaw nirranġaw, mod speċjalment fejn jidħlu ħafna telefonati li mhux dejjem jirnexxielna nirrisponduhom kollha.

Fl-2017 il-PABX ġiet programmata biex meta l-linji jkunu kollha okkupati, jinqalbu għal *call waiting*, però xorta bqajna nirċievu l-ilmenti, imma din id-darba mhux għax il-linji jkunu okkupati imma li l-Kunsill ma jirrispondhiex, u r-raġuni hija minħabba li issa jkun hemm queue ta' telefonati li jidħlu, u l-pubbliku bir-raġun jiddejjaq jistenna. Għalhekk nisperaw li s-sena d-dieħla nibdew naħdmu biex jiġu mpjegati skrivani ġodda biex din il-problema tkun solvuta, għax nkunu nistaw ilaħħqu 'iktar mad-domanda ta' telefonati li jidħlu.

Apparti l-paġna ta' *facebook* u l-imejl, il-Kunsill qed jaħdem biex jkollna *website* ġdida, fejn il-pubbliku jkun jista' juża mezz ieħor biex jikkomunika mal-Kunsill.

Il-Kunsill jirċievi kwantità ta' lmenti u talbiet, li jvarjaw min rapporti ta' ħofor fit-toroq, problemi ta' drenaġġ, ilma tax-xita, nuqqas ta' dawl, lampi maqtugħin fit-toroq, sinjali tat-traffiku, u mitt ħaġa oħra. L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li l-ilmenti li nirċievu nsolvuhom fl-iqsar żmien possibbli, imma jkun hemm ilmenti li jkun meħtieġ aktar żmien biex tittieħed azzjoni, jew bżonn ta' intervent minn entitajiet oħra.

## Prattiċi tax-Xogħol

Il-prattiċi tax-xogħol (*work practices*) dejjem hemm lok għal progress sew fejn tidħol id-dixxiplina, proċeduri u x-xogħol amministrattiv. Kull tant żmien naraw kif nistaw nimeljoraw il-proċessi.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tiegħi bħala Segretarju Eżekuttiv, nemmen li dejjem hemm lok għal-aktar progress u kull membru tal-istaff jagħti s-sehem kollu tiegħu, biex flimkien naħdmu u niprovdu l-aħjar servizz possibbli.

## Finanzi

Kull kunsill lokali f'Malta u Għawdex irid iħabbat wiċċu ma' kif jista' jagħmel aktar xogħolijiet u jagħti aktar servizzi fil-lokalità tiegħu bl-ammont ta' flus li jirċievi mill-Gvern Ċentrali. Din is-sena il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta' 1,235,531.86 Ewro mill-Gvern Ċentrali, liema allokazzjoni kienet maqsuma hekk kif inhu ġej:

| | |
|---|---|
| - Parks, Ġonna u Soft Areas, | € 67,458.82 |
| - Public Convenience | € 6,397.87 |
| - Immaniġġjar tal-Iskart | € 404,008.32 |
| - Knies ta' Toroq | € 138,731.78 |
| - Nefqa għall-Amministrazzjoni | € 243,278.32 |
| - Waste Tipping Fees | € 88,8002.00 |
| - Manutenzjoni Urbana | € 218,726.65 |
| - Manutenzjoni Rurali | € 48,040.80 |
| - Tindif Rurali | € 20,887.30 |

Addizzjonali kien hemm wkoll l-ammont ta' € 14,867.50 min skemi.

Il-Kunsill reġa b'suċċess ħa jgħalaq is-sena b'*surplus,* fejn sa Settembru 2018 kelna bilanċ posittiv ta' FSI 35% li jammonta għal €429,240.

## Laqgħat tal-Kunsill

Saru 16 il-laqgħa mil-bidu ta' din is-sena tas-sebgħa leġislatura tal-Kunsill, u l-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Keith Cassar | 16 | 0 | 0 |
| Viċi Sindku James Cassar | 12 | 4 | 0 |
| Kunsilliera Dott. Rachel Tua | 3 | 3 | 10 |
| Kunsillier Gianluca Busuttil | 10 | 6 | 0 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7 | 9 | 0 |
| Kunsilliera Dott. Angele Rapa | 14 | 1 | 1 |
| Kunsillier Dott. Karl Tanti | 15 | 0 | 1 |
| Kunsilliera Maria Pia Bonnici | 13 | 2 | 1 |
| Kunsillier Mark Micallef Costa | 10 | 2 | 4 |
| Kunsillier Joe Gatt | 5 | 4 | 7 |
| Kunsillier Frans Deguara | 16 | 0 | 0 |
| Kunsillier Christian Borg | 12 | 4 | 0 |
| Kunsillier Jesmond Gauci | 13 | 3 | 0 |

## Affarijiet Oħra

Proġetti u attivitajiet li saru matul is-sena 2018 ser jiġu trattati fir-rapporti li qed jiġu ippreżentati mil-Kunsilliera responsabbli mid-Dekasteri tagħhom. Is-Sindku biss ipprovda rapport u qiegħed jiġi anness mal-minuti bħala Appendiċi A.

## Konklużjoni

Bħala Segretarju Eżekuttiv nixtieq nirringrazzja lis-Sindku Keith Cassar u lill-kunsilliera kollha tas-sapport li tawni matul dawn is-sentejn kif ukoll lill-istaff tal-Kunsill għal-kooperazzjoni tagħhom.

Grazzi.

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv

APPENDICI A

# RAPPORT

## ĦIDMA TAS-SEBGĦA KUNSILL LOKALI TAL-MOSTA

## LAQGĦA TAL-LOKALITA GĦAS-SENA 2018

---

Il-Kunsill Lokali tal-Mosta, bhal kull Kunsill Lokali iehor huwa obbligat bil-ligi sabiex jaghmel laqgha tal-lokalita darba fis-sena fejn jkun mistieden il-pubbliku. Matul din l-laqgha tal-lum ser nkunu qeghdin nipprezentaw rendikont tax-xoghol tal-Kunsill Lokali li sar tul is-sena 2018.

**LAQGHAT TAL-KUNSILL LOKALI**

Matul ix-xhur fl-2018 issejjhu 15 -il laqgha tal-Kunsill Lokali li minnhom saru 14. Il-laqgha ta' Dicembru hija skedata ghal nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru 2018.

**LAQGHAT TA' KONSULTAZZJONI**

Fl-2018, saru ukoll zewg laqghat ta' konsultazzjoni mar-residenti. Wahda mar-residenti ta' Triq San Silvestru, Triq San Gwann, Triq Nikol Muscat, Triq Filippo Apap Bologna, Triq Sir Arthur Burton, Triq Santa Margerita u Triq il-Palazz ta' Kaspru fejn gew proposti tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku ghal dawn it-toroq. Instab qbil li dawk ghandhom jkunu f'direzzjoni wahda, izda ma nstabx qbil fuq liema direzzjoni. Sa llum ma biddilna xejn. It-tieni laqgha kienet mar-residenti taz-zona ta' Triq il-Farinal. Fejn gie spjegat dokument tal-Awtorita tal-Ippjanar fuq iz-zona. Dan kien dokument li jghati linji gwida ta xi zvillupp jista jsir fis-snin li gejjin. Il-Kunsill ressaq l-proposti tieghu lill-Awtorita.

**LAQGHAT OHRA**

Laqghat ohra li saru fl-2018 kienu dawk regolari mas-Supretindent u l-iSpettur mill-Ghassa tal-Mosta. Zammejna kuntatt kontinwu sabiex nizguraw li jkun hemm koperazzjoni shiha minghjar ebda xkiel. Iltqajna ukoll regolarment ma ufficcjali ta' Transport Malta kif ukoll ma' ufficjali tal-LESA sabiex naraw li nsolvu problemi li setghu kien ilhom jezistu ghall-bosta snin u ohrajn li jinqalghu minn zmien ghall-zmien.

Saru ukoll laqghat ma' ufficcjali minn Parks Malta dwar Gnien l-Gharusa tal-Mosta marbuta max-xoghol li ghaddej bhalissa.

**TENDERS**

Is-sena 2018 ser tibqa imfakkra ghal ammont ta' tender li hdimna fuqhom u ippubblikajna. Ippubblikajna xejn inqas minn 9 tenders fejn uhud minnhom diga gew awarded ohrajn ser jigu awarded sal-ahhar tas-sena. Dan ifisser li issa fadal biss 3 tenders li jonqos jigu ippublikati.

Tender partikulari, li ma ngorrux l-ispiza kollha tieghu jkun dak tat-tizjin tal-Milied. It-tender tat-tizjin tal-Milied, gie jiswa lil Kunsill €11,000 fl-2018. Minn dawn ingabret is-somma rekord ta' €7,300 minn fost l-komunita kummercjali. Dan jawgura tajjeb ghas-snin li gejjin.

Tender wara l-iehor, kollha bil-problemi taghhom, izda din is-sena zgur li ser tibqa imfakkru ukoll ghat-tender tal-knis. Dan wara li kien hemm approvazzjoni tad-Dipartiment, kellna nergghu nohorgu tender iehor minhabba certu nuqqasijiet. Nittamaw li l-kuntrattur l-gdid, jibda hidmietu fil-granet li gejjin.

**TOROQ**

Minkejja li fl-2018 konna marbutin sabiex ma nidhlux ghall-spejjez kapitali godda mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, xorta wahda nhossni fid-dmir li ninfurmakom b'dak li thallas fl-2018 marbut mat-toroq li saru permezz tal-iskemi PPP1 u PPP2. Matul l-2018, thallset is-somma ta' kwazi €30,000 ghall-iskema PPP1 ghal toroq li saru bejn l-2008 u l-2012 u kwazi €11,000 ghall-iskema PPP2 ghal toroq li saru bejn l-2012 u l-2015. Issa nistghu nghidu li l-iskema PPP2 thallas kollu u b'hekk it-toroq kollha li saru bejn l-2012 u l-2015 huma mifdijin. Ghalkemm dawn il-progetti raw il-bidu u it-tmiem tax-xoghol infrasstruturali snin ilu, dawn thallsu u qed jithallsu issa frott l-ghaqal li kellu dan il-Kunsill Lokali.

**ATTIVITAJIET**

Minbarra l-attivita ta' darba fix-xahar, organizzata mid-dekasteru Mosta Solidali immexxija minn Angele Rapa u Frans Deguara, il-Kunsill ha hsieb sabiex jorganizza l-attivitajiet tieghu. Din is-sena saru dawn attivitajiet. F'April, hassejna l-bzonn li nifirhu mal-ghaqdiet li kienu ghadhom kif kisbu success fil-qasam taghhom. Frahna flimkien mas-Socjeta Filarmonika Santa Marija li rebhu l-kampjonat tal-Pool, mas-Socjeta Piroteknika 15 t'Awissu li rebhu l-festival tan-nar tal-art u frahna ukoll mat-tim tal-football tal-minors li rebhu l-league tas-section taghom. Lil kull ghaqda, giet prezentata tifkira. F'Lulju, flimkien mal-Provincja Karmelitana u l-Parrocca tal-Mosta, fakkarna it-twelid ta' Patri Avertan Fenech b'attivita quddiem ir-residenza fejn giet inawgurata tifkira tieghu. F'Awissu matul l-granet tal-festa, inghata Gieh l-Mosta barra minn zmiennha lil Arcisqof Scicluna li kien stumentali sabiex ir-Rotunda titghollha ghad-dinjita ta' Bazilka. Fil-15 ta' Settembru imbghad, ghat-tieni sena konsekuttiva, organizzajna l-attivita kulinarja u kulturali bl-isem ta' Festa Qarghasel. Din is-sena kienet success ikbar mis-sena l-ohra fejn attirat numru kbir ta' familji li honqu l-pjazza u l-madwar. Attivita li kellha partecipazzjoni wiesa ta' bejjiegha tal-ikel, kompetizzjoni tal-qargha hamra, sessjonijiet interessanti dwar l-ghasel u l-qargha, u l-attarrzjoni ewlenija, Airport Impressions li taw spettakklu mill-aqwa

taht id-dell tar-Rotunda. L-ghada 16 ta' Settembru, Jum il-Mosta, saret ic-celebbrazzjoni annwali fil-wesgha ta' biswit ir-Rotunda fejn fiha gew onorati 12 il-persuna li ddistingwew ruhhom fix-xoghol li huma wettqu matul is-snin. F'Novembru, hekk kif isir kull sena, gew imfakkra l-Qalbiena Mostin b'quddiesa u korteo sal-mafkar filghodu kif ukoll, F'dicembru ser jsir festin tal-Milied ghall-anzjani.

**PUBBLIKAZZJONIJIET**

Hekk kif inhi l-uzanza, l-Kunsilli Lokali jzommu kuntatt mar-residenti tieghu permezz tal-fuljett jew gazzetta. Fil-Mosta minn dejjem kien jitqassam magazine jew fuljett. Wara li fl-2017, dehrilna li kien hemm bzonn ta' xi haga differenti. Fl-2018, kien hemm 3 hargiet ta' Mosta Solidali. Fil-fehma tieghi, din hija kuntatt necessarju li l-kunsill ghandu jzomm mar-residenti tieghu. Fil-jiem tal-Gimgha Mqaddsa gie ippubbilkat flyer bil-lista tal-wirjiet tal-Gimgha Mqaddsa fil-Mosta filwaqt li fiz-zmien tal-Milied u tal-Gimgha Mqaddsa, hekk kif sar is-sena l-ohra wara, tqassmu certifikati ta' apprezzament lil dawk kollha li ppreparaw wirjiet tal-milied jew tal-gimgha mqaddsa.

**ZJARAT**

Matul din is-sena, u ghat-tieni sena konsekuttiva, kelli l-pjacir nilqa lil Konslu Ġenerali ta' San Francisco is-Sur Louis J Vella fl-ufficcju tieghi. Flimkien mal-Kunsillier Frans Deguara qed tigi organizzata mawra ghall-Mostin f'Millbrae fix-xhur li gejjin. Ilqajna ukoll lil E.T l-Ambaxxatrici tal-Amerika fejn fost ohrajn iddiskutejna ideat innovattivi. F'Ottubru, bhala parti mill-kampanja Pink October, ilqajt lis-Sinjura Michelle Muscat, mart il-Prim Ministru u chair ta' Marigold Foundation fl-okkazzjoni tal-mixghela tar-roundabout tal-iljun b'lewn roza. F'Novembru, ilqajna lil Onor. Silvio Parnis u l-Kunsillil Lokali tar-Regjun Tramuntana ghall-sessjoni ta' diskussjoni fuq ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

**KORSIJIET**

Bi pjacir inhabbar li fl-2018 saru 23 -il kors fil-Bini tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Meta mqabbel mas-sena li ghaddiet, dan jfisser zieda ta' aktar 200%. Tista tghid li il-bini tal-Kunsill Lokali tal-Mosta dejjem fully booked! Saru 6 korsijiet taht l-kappa ta' Mosta Solidali, 3 korsijiet bl-ghajnuna ta' LifeLong Learning, 2 korsijiet b'fondi ewropej bi shab mar-Russian Maltese Cultural Association kif ukoll kors bl-ghajnuna mal-Health Promotion. B'kollaborazzjoni mar-Richmond Foundation u il-Malta Red Cross saru ukoll korsijiet tal-Mental Health First Aid u tal-First Aid u filwaqt li saru ukoll diversi talks informattivi. Saret ukoll Career Day li minnha 87 persuna gew impjegati ma' kumpaniji li hadu sehem waqt l-istess career day.

**FINANZI**

L-2018 zgur li ser tibqa imfakkru ghas-success miksub tal-Kunsill Lokali tal-Mosta mill-aspett finanzjajru. L-accountant tal-Kunsill Lokali, ser jghati harsa estensiva u ser jispjega in-numri f'iktar dettal, izda tajjeb nifhmu

li dan kollu sar frott l-ghaqal tat-tmexxija soda tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Fi kliem semplici, qtajna id-dejn, commitments li saru matul iz-zmien qabel mistenni, u dan ghal beneficcju tar-residenti li ser jkunu qed jgawdu minn surplus ta' €200,000. Dan is-surplus ser jirrifletti fil-budget plan ghas-sena 2019, fejn wara hafna snin ser nkunu qed nallokaw €150,000 ghal toroq godda fil-Mosta. Huma ftit, izda huma bidu tajjeb.

**PROGETTI**

Qatt ma kont nemmen, li sabiex taqta l-frott ta' hidmietek jridu jghaddu snin. Ghamilna sena nahdmu fuq dokumenti, applikazzjonijiet, permessi, tenders sabiex fil-granet li gejjien nibdew naraw ftit frott jibker. Uzajna biss flus li huma ghad-dispozizzjoni taghna f'diversi fondi u iffirmajna 3 kuntratti mal-Planning Authority b'valur ta' ftit inqas minn €60,000 li ser jissarfu fi progetti ghall-gid tar-residenti li jinkludu, installazzjoni ta' CCTV fil-gonna pubblici kollha, restawr tan-nicca ta' San Nikola u installazzjoni ta' dawl dekorattiv tradizzjonali gdid f'diversi toroq tipici fic-centru tal-Mosta. Ibbenefikajna ukoll ftit iktar minn €110,000 ta' fondi Ewropej sabiex nibnu u nirrestawraw hitan tas-sejjiegh. Applikajna ghall-progetti li flimkien ser jiswew kwazi miljun ewro li nittamaw li dawn jigu approvati mill-awtoritajiet koncernati.

**OHRAJN**

Ghalkemm ghadek tara min jarmi f'kull kantuniera li jsib, fl-2018 il-Kunsill ta servizz ta' bulky refuse lil residenti tieghu 7,533 darba, zieda ta' 3% b'medja ta' aktar minn 627 sejha fix-xahar!

**GHELUQ**

Dan kollu sar sabiex jkun ta' beneficcju ghall-Mostin kollha u ghall-dawk li jigu jzuruna. Nghalaq billi nirringrazzja lill-Vici Sindku u lil Kunsilliera kollha flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff tal-Kunsill tal-isforz li jghamlu u l-hidma li jwettqu sabiex nkunu nistghu nghatu servizz xieraq kif mistenni lil Mosta u l-Mostin. Nawgura li l-2019 tkun sena iktar impenjattiva li fiha naraw iktar progetti ta' fejda sabiex jkunu jistghu jitgawdew mill-generazzjonijiet li gejjin.

**Keith CASSAR**

**Sindku**

04.xii.2018